A.L. 551 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2010 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Nursing or Midwifery taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Ħarsien tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Nursing or Midwifery u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Nursing or Midwifery - taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Ħarsien tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 316 tal-2008, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2010 jew wara.

L-Emenda għat-titolu tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok it-titolu tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Nursing or Midwifery taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa."

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**It-Titolu u l-Interpretazzjoni**

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Nursing or Midwifery taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science in Nursing or Midwifery;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science in Nursing or Midwifery;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Nursing or Midwifery; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali ta' l-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad."

Iż-Żieda tal-ordinament 3 mal-ordinament prinċipali

5. L-ordinament 3 għandu jiżdied wara l-ordinament 2 tal-ordinamenti prinċipali:

"L-Oqsma ta' Speċjalizzazzjoni

3. Il-Kors ikun offrut fi kwalunkwe qasam ta' speċjalizzazzjoni fin-Nursing jew fil-Midwifery kif imħabbar mill-Bord fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet."

6. L-ordinamenti 3 sa 12 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 4 sa 13.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

7. Minflok l-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

4. (1) Il-Kors li jwassal għall-Grad fin-Nursing jew fi kwalunkwe qasam ta' speċjalizzazzjoni fin-Nursing huwa miftuħ għall-applikanti li għandhom waħda minn dawn il-kwalifiki:

(a) grad ta' Bachelor miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri fl-istess qasam ta' studju bħal qasam ta' speċjalizzazzjoni li l-applikanti jkunu qed japplikaw għalih; jew

(b) grad ta' Bachelor miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri f'qasam ta' studju relatat mill-qrib mal-qasam ta' speċjalizzazzjoni li l-applikanti jkunu qed japplikaw għalih; jew

(ċ) grad ta' Bachelor fil-Health Science miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri, flimkien ma' kwalifika ta' *State Registration* fil-qasam ta' speċjalizzazzjoni li l-applikanti jkunu qed applikaw għalih,

sakemm li l-applikanti li japplikaw skont is-sottoparagrafi (b) u (ċ) ta' dan l-ordinament jistgħu jkunu meħtieġa jipprovdu evidenza ta' esperjenza ta' xogħol wara r-reġistrazzjoni fil-qasam ta' speċjalizzazzjoni propost. In-numru minimu ta' snin ta' esperjenza meħtieġ għandu jkun indikat fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(2) Il-Kors li jwassal għall-Grad fil-Midwifery jew fi kwalunkwe qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-Midwifery huwa miftuħ għall-applikanti li għandhom waħda minn dawn il-kwalifiki:

(a) grad ta' Bachelor fil-Midwifery miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri; jew

(b) grad ta' Bachelor fil-Health Science miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri, flimkien ma kwalifika ta' *State Registration* fil-Midwifery.

(3) Is-Senat, fuq il-parir tal-Bord, jista' jillimita l-għadd ta' studenti li jidħlu f'xi qasam ta' speċjalizzazzjoni offrut fil-Kors. Il-Bord għandu jħabbar l-oqsma ta' speċjalizzazzjoni u n-numru ta' postijiet disponibbli fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(4) Meta l-għadd ta' studenti jkun limitat u l-għadd ta' applikanti eliġibbli jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jintgħażlu permezz ta' intervista li ssir minn bord maħtur mill-Bord li jkun magħmul mill-anqas minn tliet membri. Il-bord għandu jagħżel lill-applikanti skont dawn il-kriterji li ġejjin:

(a) il-klassi tal-grad;
(b) l-esperjenza fil-qasam tal-istudju propost; u
(ċ) il-livell milħuq waqt l-intervista."